## Eku Medjevali

# Il-Festa ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq

Kitba ta' Mario T. VASSALLO

B.Com., B.A. (Hons) Public Policy, M.A. (European Studies), M.I.M.



Sa minn żmien twil ilu, il-Maltin u l-Għawdxin kienu jiċċelebraw il-festa tat-tlugħ is-sema ta' Omm il-Feddej bl-akbar għożża u ħrara. Ma kellhomx għalfejn joqogħdu jistennew lill-Vatikan jiddikjara d-Domma ta' l-Assunzjoni biex jemmnu b'qalbhom u ruħhom kollha f'dan ir-raba' misteru tal-glorja magħdud fit-talba tar-Rużarju. L-imħabba ta' missirijietna u ommijietna lejn Santa Marija mhix murija biss fin-numru estensiv ta' parroċċi ddedikati lill-Assunzjoni, imma wkoll fl-għadd kbir ta' kappelel imxerrdin fil-kampanja u l-irħula li huma wkoll iddedikati f'ġieħ Marija mtellgħa fil-glorja tal-ġenna bir-ruħ u l-ġisem.

## Festa sempliċi

Waħda minn dawn il-kappelel hija dik magħrufa bħala Santa Marija ta' Ħal Xluq, li tinsab fil-limiti ta' *Città Ferdinand*, fit-triq li mis-Siġġiewi twasslek għall-Qrendi.

Il-festa f'ġieħ Marija mtellgħa s-sema għadha sal-lum iċċelebrata bl-akbar ħrara mis-Siġġiwin f'din il-kappella, f'jum il-Ħadd ta' fuq il-15 t'Awwissu. Jien kemm-il darba kelli x-xorti li nattendi għall-festa sempliċi u rurali ta' Santa Marija f'Ħal Xluq u, jkolli nistqarr, li nnamrajt ma' din il-kappella li taf il-bidu tagħha fi żmien medjevali, meta r-reliġjon nisranija reġgħet bdiet tistejqer wara t-tluq tal-Għarab minn Malta.



Il-kappella ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq nhar il-Ħadd, it-18 t'Awwissu 2008, meta ġiet iċċelebrata l-festa ta' Santa Marija.

## Rdieden u fniek

Il-faċċata tal-kappella, flimkien mat-triq ta' quddiemha li twasslek sa quddiem statwa tal-ġebel li tirrappreżenta lil Santa Marija, tkun imdawla b'bozoz ikkuluriti matul il-ġimgħa tal-festa. Il-Banda San Nikola wkoll tiġi f'Ħal Xluq biex tferraħ lin-nies b'marċi brijużi, filwaqt li ma jonqsux xi tużżana rdieden maħdumin mid-dilettanti tan-nar Siġġiwin.



Parti mill-ġemgħa miġbura biex jisimgħu l-quddiesa ta' nhar il-festa li tiġi ċċelebrata fuq iz-zuntier tal-kappella. Xhieda ta' kemm din il-festa, b'għeruq medjevali, għadha popolari sal-lum.

Ma tonqosx ir-rulina li tibda ddur u ddur, sakemm tieqaf u tħabbar in-numru rebbieħ għal xi fenek. U n-nies erħilha tmaxtar il-bergers u ċ-ċips li jissajru dak il-ħin stess taħt il-ħarruba x-xiħa. U l-kelb tal-għassa fuq il-bejt tal-għorfa fil-qrib il-ħin kollu jinbaħ, bħal donnu ma jistax jifhem minfejn ġiet din il-geġwiġija kollha li ħarbtet is-sikta tas-soltu.

## Is-seħer ta' Ħal Xluq

Kull min jgħaddi minn Ħal Xluq ma jistax ma jinħakimx mis-seħer li jgawdi dan il-lok, li fi żminijiet bikrija kien mgħammar b'komunità li kienet tgħix mir-raba', tiekol



Waħda mid-djar antiki li għadhom joqogħdu n-nies fiha f'Ħal Xluq. Tidher in-niċċa tal-Madonna, flimkien ma' gallarija ċkejkna tal-ġebel.



L-istatwa tal-ħaġar ta' Santa Marija li tinsab fil-bidu tat-trejqa ta' quddiem il-kappella ta' Ħal Xluq. Magħha hemm marbuta 200 jum indulġenza għal kull min jgħid 'Salve Reġina'.

minn dak li tipprovdi l-art, tindokra l-bhejjem u tqim 'l Alla fi knisja ddedikata lill-Ommu. Illum ħadd ma fadal mir-raħlin ta' żmien twil ilu. Baqgħu biss il-ħitan tas-sejjiegħ u l-kappella. Baqa' wkoll isem ir-raħal - Ħal Xluq - li għadu jiġbor fi ħdanu xi rziezet, griebeġ, għorof, giren u barumbari. Fl-għelieqi li jdawru dan ir-raħal minsi għad hemm kotra kbira ta' siġar tat-tin, tal-bajtar tax-xewk u tal-ħarrub li fihom isibu r-refuġju l-għasafar tal-bejt, il-ġrieden, il-qniefed u l-gremxul. Ħal Xluq għadu jfakkarna fi żminijiet meta l-ewwel irħula f'pajjiżna kienu ferm żgħar - xi ħames jew tmien irziezet imgezzin ma' xulxin. Il-prefiss **Ħal** quddiem l-isem tar-raħal ġej mill-Għarbi u jfisser **raħl** (taqsira tal-kelma 'raħal'). Dawk l-irħula li jġibu l-prefiss **Ħal**, bħal Ħal Xluq, huma għalhekk l-aktar irħula qodma f'Malta li kienu ġa jgħixu nies fihom qabel l-1400. Dan ir-raħal kien diġà msemmi fir-rapport ta' l-Isqof de Mello tal-1436.

## Ulied ir-raħal

Mid-daqs tal-kappella ta' Santa Marija, f'malajr wieħed jikkonkludi li x-Xluqin ma kinux wisq fil-għadd, x'aktarx foqra, imma mimlija żelu għax-xogħol u għall-qima spiritwali. B'danakollu, fis-sekli l-imgħoddija, Ħal Xluq ma pproduċiex biss raħħala, bdiewa u nisa tad-djar, imma wkoll nies li għamlu isem mhux biss f'Malta iżda wkoll lil hinn minnha. Jissemma Patri Ambrogio Buttigieg minn Ħal Xluq li fl-1552 inħatar isqof mill-Papa Ġulju III, kif ukoll Nunzju Appostoliku li qeda dmiru f'pajjiżi diffiċli bħas-Serbja, l-Armenja, il-Babilonja u l-Kadea. Huwa miet f'Goa, fil-Ġappun. Ħuh, Ġann Mattew, li kien ukoll Dumnikan, akkumpanjah f'xi vjaġġi tiegħu.[1]

Minbarra l-kappella tiegħu, jingħad mix-xjuħ li Ħal Xluq kellu l-palazz tal-ġustizzja li llum huwa binja kbira u mitluqa fit-trejqa ta' quddiem il-knisja u, saħansitra, kellu wkoll biċċerija biswit l-istatwa ta' Santa Marija li llum hija dar ikkonvertita - il-ġmiel tagħha. L-istatwa ta' Santa Marija hija mogħnija b'indulġenza ta' mitejn jum għal kull min jieqaf quddiemha u jgħid 'Salve Reġina'.

## Abbandunata u restawrata

Fir-rapport taż-żjara ta' Mons. Pietru Dusina fl-1575, insibu li f'Ħal Xluq kien hemm sitt knejjes, fosthom dik ta' Santa Marija li hi l-unika waħda li għadha mwaqqfa sal-lum. Fil-fatt kien appuntu f'din il-knisja fejn kienu jsiru l-magħmudijiet tat-trabi, minkejja li l-knisja parrokkjali kienet dik iddedikata lil San Nikola, kif għadha sal-lum. Fiż-żjara tiegħu Dusina pprofana ħafna knejjes, u fost dawn kien hemm il-knisja ta' Santa Marija li skont ir-rapport tiegħu, kienet fi stat diżastruż u ma setgħetx tkompli sservi bħala post fejn jitqaddes il-quddies.

Imma r-rota tad-destin għal din il-knisja dar nofs tond u fi ftit tas-snin reġa' beda jonfoħ ir-riħ fuq. Dan għaliex fl-1583 ċertu Ġann Pawl Buttigieg reġa' bnieha kważi mill-ġdid fuq l-istess għamla, għammarha b'kulma kien meħtieġ, saħansitra anki bi kwadru titulari ta' l-Assunzjoni mpitter fuq tliet tilari tal-injam. Dan il-kwadru għadu jeżisti sal-lum. Buttigieg ħallielha wkoll ir-renti ta' għalqa żgħira, magħrufa bħala 'Ta' Kobbi', biex tkun tista' tiġi ċċelebrata quddiesa u jinxtegħel il-lampier fil-festa ta' Santa Marija. Fl-1596, ibnu Dun Stiefnu



Il-kwadru l-antik tal-Assunzjoni li kien ikkummissjonat minn Ġann Pawl Buttigieg fl-1583, kif tixhed l-iskrizzjoni fin-naħa t'isfel tal-kwadru.



Il-kwadru titulari preżenti li juri t-tlugħ is-sema tal-Madonna. Jidher ukoll il-ventartal tal-fidda armat fuq l-artal maġġur għall-okkażjoni tal-festa.

Buttigieg sar ir-rettur ta' din il-knisja u ftit snin wara laħaq ukoll bħala l-kappillan tal-parroċċa ta' San Nikola fis-Siġġiewi. Mis-seklu sittax 'l hawn, il-knisja ta' Santa Marija f'Ħal Xluq baqgħet ikkurata tajjeb u mogħnija bl-imħabba u l-venerazzjoni tan-nies tal-inħawi. Fi żmien it-tieni gwerra dinjija, din il-kappella laqgħet fi ħdanha għadd ta' refuġjati li kienu ħallew djarhom minħabba l-biża' tal-bombi tal-għadu.

## Stil Normann

Il-kappella ta' Ħal Xluq tixhed iż-żmien medjevali li matulu nbniet, avolja sarulha ħafna alterazzjonijiet matul il-mogħdija taż-żmien. L-istil Normann tardiv għadu evidenti fil-gwarniċuni tal-bieb ewlieni u dak laterali, u wkoll fil-ħnejjiet ġejjin għall-ponta li fuqhom jistrieħu x-xorok tas-saqaf tal-kappella. Hawn min hu tal-fehma li oriġinarjament il-kappella kienet imsaqqfa bl-injam, bil-ħnejjiet ikunu miżjuda aktar tard. Meta għedt b'dan lil bennej tas-sengħa[2], huwa qalli li wisq probabbli hekk kien tabilħaqq peress li l-ġebel tal-ħnejjiet mhux ingastat fil-ħitan laterali u, għalhekk huwa evidenti li dawn inbnew wara. Il-knisja għandha tieqa rettangolari li hi l-uniku sors ta' dawl, u bieb ieħor fuq in-naħa tax-xellug. Iktar tard żdied il-kampnar imdaqqas li jisponta f'nofs il-faċċata, fejn għad hemm il-qanpiena. Il-kappella hija mgħammra wkoll b'gallerija sabiħa tal-ġebel li fiha kien hemm orgni. Għadna nistgħu naraw ukoll xi mwieżeb tal-ilma tax-xita. Maġenb il-bieb prinċipali hemm żewġ bankijiet tal-ġebel - wieħed fuq kull naħa tal-bieb.[3]

## Opri tal-arti

Il-kwadru titulari tal-knisja juri x-xbieha ta' Marija Santissima tiela' s-sema, mogħnija minn għadd ta' anġli tal-ġenna. Dan qiegħed f'perspettiva tal-ħaġar u ħa post dak li kien għamel Ġann Pawl Buttigieg fis-seklu XVI. Fuq iż-żewġ ġnub tal-kwadru titulari naraw żewġ opri tal-arti mill-aqwa - wieħed ta' Kristu quddiem Pilatu u l-ieħor ta' Kristu mgħobbi s-salib. Dawn iż-żewġ kwadri huma attribwiti lill-allievi tal-iskola ta' Francesco Zahra.[4] Jekk wieħed jixref sas-sagristija, li hija żieda relattivament riċenti meta mqabbla mal-qedem tal-kappella, isib kwadru antik li juri l-Madonna tar-Rużarju. Ta' min jinnota wkoll li s-saqaf tas-sagristija huwa mpitter b'disinji linearji li jkomplu jsebbħu l-ġmiel ta' din il-binja.

## Santu Rokku

Għalkemm id-devozzjoni lejn Santa Marija kienet qawwija fost ir-raħlin Xluqin, imma dan xejn ma naqqas mill-fidi li kellhom f'ġieħ Santu Rokku, il-protettur li jeħlisna mill-mard tal-pesta. Statwa kbira tal-ġebel ta' Santu Rokku tinsab f'post prominenti fil-kappella ta' Ħal Xluq. Lejh kienu jduru missirijietna meta l-mard li jittieħed kien jaħkem lil gżiritna u miegħu jkaxkar għadd ta' nies lejn il-qabar. Kemm xejn kurjuża kienet id-drawwa li fil-quddiesa ta' filgħaxija ta' nhar il-festa ta' Santa Marija, il-paniġierku kien isir fuq Santu Rokku. Illum din il-prietka m'għadhiex issir, imma l-istatwa dominanti ta' Santu Rokku, bil-kelb fidil ma' saqajh li kien jilgħaqlu l-ġrieħi tal-marda, għadha tfakkarna f'min kienu jafdaw ta' qabilna fis-siegħa tat-tiġrib.



L-istatwa ta' Santu Rokku, il-protettur kontra l-mard tal-pesta, li tinsab fil-kappella ta' Ħal Xluq.

## Il-festa fl-imgħoddi

Fl-imgħoddi f'din il-knisja kienet tiġi ċċelebrata l-festa fil-jum tal-għid tal-Assunta, jiġifieri l-15 t'Awwissu. Lejliet u nhar il-festa kienu jitkantaw il-vespri, u l-kappillan tas-Siġġiewi kien jitla' bil-karozzin lejn Ħal Xluq biex iqaddes għall-okkażjoni. Mas-Siġġiwin kienu, u għadhom, jingħaqdu l-Qrendin u l-Imqabbin peress li raħalhom imiss ma' Ħal Xluq.

Mal-faċċata tal-kappella kienet tiddendel il-liedna tal-ħaxix frisk, filwaqt li fuq ġewwa kien jintrama d-damask, jitpoġġa l-ventartal mal-maġġur u jiddendel il-lampier u jitpoġġew il-gandlieri tal-festa. Ilsien il-fjakkoli kien ikun ilebleb fid-dlam, huwa u jiddandan maċ-ċinta tal-kappella.

Wara l-quddiesa tal-festa filgħodu, is-sagristan tas-Siġġiewi kien iqassam tazza kafè sħuna lill-miġemgħa, filwaqt li filgħaxija kien jinħareġ il-pulptu ċkejken li għad għandha l-kappella u, għad-dell tas-siġar, il-kappillan kien jagħmel prietka u jagħti l-barka.[5]

## Il-festa fi żmienna

Illum il-festa ta' Santa Marija m'għadhiex issir f'nharha, iżda Ħadd fuq il-15 t'Awwissu. F'Ħal Xluq mhux se ssib pilandri kbar u rħamati, lanqas mhu se tara xi spettaklu tan-nar sinkronizzat mal-valzi Awstrijaċi, jew se tieħu sehem fil-briju tal-marċi taħt xi mrewħa mpittra u mħallsa mis-sezzjoni żgħażagħ tal-banda. F'Ħal Xluq ma tara xejn minn dawn ix-xinxilli li donnhom saru l-karatteristiċi ewlenin tal-festa Maltija fi żmienna. F'dan



Rdieden taġ-ġiġġifogu, maħduma mid-dilettanti tan-nar tas-Siġġiewi, fl-isfond tal-kappella ta' Ħal Xluq.

il-lok, li darba kien raħal, għadek tista' tesperjenza festa ġenwina b'tiżjin sempliċi. Hija festa li tagħti ġieħ lil Ommna fis-sema.

Hija festa li tagħti xhieda ta' kult antik li ilu jintiret minn missier għall-iben għal sekli sħaħ. Festa miżrugħa fil-ħamrija u mxettla minn folklor li għadu jbaqbaq bil-ħajja u l-fidi. Festa li mhix imdakkra mill-piki, iżda li tgħaqqad il-bieraħ mal-lum u għada. Li torbot il-fidi maċ-ċelebrazzjoni u l-għaqda aħwija.



Is-surmast u l-bandisti tal-Banda San Nikola tas-Siġġiewi waqt il-programm ta' marċi brijużi f'ġieħ il-festa ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq.

Festa li għadha tiddandan bil-ħitan tas-sejjiegħ, bit-titjira mxengla tal-friefet il-lejl ma' nżul ix-xemx u bir-raxx ikkulurit ta' raddiena sempliċi mwaħħla ma' seratizz, hi u ddur, biex bħal donnha tfakkarna li 'l barra minn Ħal Xluq, il-ħajja għadha għaddejha b'ritmu tal-imġienen.

[1] Dan it-tagħrif huwa riżultat ta' riċerka li għamel Patri Mikiel Fsadni u li tinsab ippubblikata fil-ktieb tiegħu, *Dumnikani Maltin Magħrufa 1450-2003*, Pubblikazzjoni Dumnikana (2003).
[2] Is-Sur Charles Briffa minn Ħal Luqa, residenti l-Imqabba.
[3] www.kappelli.com
[4] Kilin, *A Hundred Wayside Chapels of Malta and Gozo*, Heritage Books (2000).
[5] Pawlu Aquilina, *Hawn Twieldet u Tibqa' Tħabbat Qalbi*, Pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi (2004).